MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 793/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian J. Abdilla**
v

**MARTIN CACHIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN CACHIA** bin Michael u Josephine nee Aquilina imwieled Pieta` nhar id-disgha u ghoxrin ta' Marzu, 1959 u residenti 'Casa Martina', 238, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita` numru 235859M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-hamsa ta' Settembru 2002 f'dawn il-Gzejjer:

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghall-hsieb tal-kummerc merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe` elf u sebgha w ghoxrin DVD's, hamsin CD's tal-musika u ghoxrin loghoba tal-Playstation;
2. Talli fl-istess perjodu ghal qliegh jew bi skop ta' kummerc stampa, mmanufattura, dduplika jew b'mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh, qassam jew b'mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xi haga ohra bi ksur ta' jheddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna u protetti bil-ligi ta' Malta jew tahtha;
3. talli fl-istess perjodu bil-ghan li jiehu vantagg ghalih nnifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra u minghajr l-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakkettjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma trademark registrata jew biegh jew kera, offra jew espona ghal bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak jew kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li hu jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat bhal dan;
4. talli sar recidiv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta' Malta datati wiehed u tletin ta' Lulju 1998, sitta ta' Jannar 1998, dsatax ta' Gunju 2001, sittax ta' Ottubru 2001, tlieta ta' Settembru 2002 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;
5. talli ghalhekk jitqies li opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-Avviz Legali 120/1992;
6. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli fil-hamsa ta' Settembru 2002 wara intervent u tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija fir-residenza msemmija tal-istess Martin Cachia instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew deopsitati ghandu elf u tlettax il-Digital Versable Disco [DVD's] li d-dazju taghhom ma kienx gie mhallas u/jew

kawtelat u li wkoll kienu foloz, fis-sens li kienu kkuppjati minn fuq l-original, li kienu imitazzjoni tal-original;
7. Talli fix-xhur precedenti bil-hsieb li jiffroda lil Gvern ta' Matla billi bil-qerq jevadi d-dazju u/jew taxxi ohra dovuta wkoll restrizzjonijiet impost jew kellu x'jaqsam filli jigu mpurtati ghalih dawn d-DVD's, liema DVD's li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew restretta, ghandhom valur totali ta' elfejn hames mija tnejn u tletin lira u hamsin centezmu u Dazju dovut ta' mija erbgha w ghoxrin lira disgha centezmi u zewg millezmi, liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati;
8. Fuq fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, huwa akkuzat talli fil-hamsa ta' Settembru 2002 wara intervent u tfittxija li saret minn Ufficjali tal-Pulizija fir-residenza msemmija tal-istess imputat instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qabel xjentement kellu fil-pussess tieghu u/jew depositati ghandu elf u tlettax il-Digital Versatile Disco (DVD's) li d-dazju taghhom ma kienx gie imhallas u/jew kawtelat u li wkoll kienu foloz fis-sens li kienu kkuppjati minn fuq l-originali, li kienu imitazzjoni tal-original;
9. Talli fix-xhur precedenti, bil-hsieb li jiffroda lil Gvern ta' Malta, billi bil-qerq jevadi d-dazju u/jew taxxi ohra dovuta u wkoll restrizjonijiet imposti jew kellu x'jaqsam filli jigu impurtati ghalih dawn id-DVD's, liema DVD's li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, ghandhom valur totali ta' elfejn hames mija tnejn u tletin lira u hamsin centezmu u Taxxa fuq il-Valur Mizjud [VAT] li jammonta ghal tlett mija tmienja w disghin lira tmienja w erbghin centezmu u tmien millezmi, liema Dazju u Taxxa ma gewx imhallsa u/jew kawtelati u dan bi ksur tal-Att XXIII tal-1998 dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, kif wkoll tal-Avviz Legali 118/1992 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tiehu in konsiderazzjoni l-Att 62, proviso tal-Kap 37 li jghid "*izda wkoll meta jinstab hati, terz tal-piena ta' flus jitqies fuq talba tal-Prosekuzzjoni bhal dejn civili li ghandu jigi dikjarat mill-Qorti kompetenti fl-ghoti tas-sentenza li hu dovut u li ghandu jithallas lil Gvern u ghandu jigi esegwit fl-istess Qorti li taghti s-sentenza bl-istess mod bhallikieku nghatat f'azzjoni civili maghmula bejn l-Gvern u l-hati*".

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil istess imputat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex barra milli tinfliggi l-piena stabbilita bil-ligi, tordna l-konfiska tal-oggetti u flus esibiti f'dawn l-atti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat hamsa w ghoxrin ta' Settembru 2002 esebit fl-atti a fol 19 w immarkat dokument CSH 02 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita u dana kif jirrizulta mill-ezami li sar ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 kif jirrizulta a fol 29 tal-atti odjerni.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni kif wkoll tad-Difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw l-kawza fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2004.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed l-Ispettur Ian Abdilla** kif jirrizulta a fol 31 tal-atti fejn qal li fit-tlieta w ghoxrin ta' Awissu 2002 il-Pulizija rceviet rapport anonimu li fir-residenza tal-imputat gewwa Pembroke kien hemm counterfeit video's u DVD's, d-droga Kokaina u xi tape bil-logo tal-Gvern ta' Malta li kien insteraq minn go vann tal-ghamla Fiat fil-perjodu ta' bejn Ottubru u Novembru tas-sena 1991. Huwa ghalhekk beda l-investigazzjoni fuq dan r-rapport u baghat xi Ufficjali tal-Pulizija sabiex jaghmlu xi searches f'dan il-fond. Is-search, fil-fehma ta' dan ix-xhud, irrizulta fil-posittiv ghaliex instabu zewg measuring tapes bil-logi tal-

Gvern, elf sebgha w ghoxrin DVD, hamsin CD's u ghoxrin playstation games li prima facie dehru li ma kienux genwini. Illi minn ricerka li hu ghamel mal-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta dwar jekk kienx hemm xi rapport fuq serq ta' measuring tapes bil-logo tal-Gvern, dan il-fatt ma rrizultax ufficjalment.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed Martin Debattista** bhala rappresentant tal-Kontrollur tad-Dwana, kif jirrizulta a fol 35 et seq tal-atti, li gharaf l-Letter to Prosecute mahruga mill-Kontrollur tad-Dwana markata bhala dokument CSH 4 a fol 22 tal-atti, datata wiehed u tletin ta' Jannar 2003 bhala dak d-dokument li ghandu l-firma tal-Kontrollur tad-Dwana John Mifsud, sabiex jittiehdu passi kontra l-imputat dwar elf u tlettax il-Digital Versatile Discs.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed PS 494 Gordon Borg** kif jirrizulta a fol 38 et seq tal-atti fejn qal li nhar l-hamsa ta' Settembru 2002 fuq struzzjonijiet moghtija lilu mill-Ispettur Ian Abdilla, huwa acceda fil-fond residenza tal-imptuat 'Martina', Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke sabiex jaghmel search flimkien ma xi Ufficjali ohra tal-Pulizija fosthom WPS 2 Mariella Mizzi, PC 290 Jean Paul Formosa, PS 765 Simon Attard, PC 365 Malcolm Grixti u WPC 12 A. Grech ghal droga u xi ritratti mmarkata bl-ittri "GM". Minn dak l-fond huwa eleva diversi oggetti kif deskritti minnu fis-seizure note esibita a fol 40 tal-atti markata bhala dokument CSH 9. Dawn l-oggetti gew elevati kollha fil-presenza tal-imputat u mghoddija lis-Superjuri tieghu ghal aktar investigazzjoni. Illi din ix-xhieda giet konfermata minn WPS 2 Mariella Mizzi fl-istess jum tat-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 waqt li tat d-deposizzjoni taghha l-Qorti.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 **reggha xehed l-Ispettur Ian Abdilla** fejn qal li dwar is-sejba ta' tapes bl-ittri "GM" ma rrizultax li gie kommess xi reat fir-reat fir-rigward taghhom u ghalhekk ma tah ebda akkuzi dwarhom. Dwar l-oggetti l-ohra kif deskritti fis-seizure note markata bhala dokument CSH 9, dawn gew mghoddija lid-Dwana biex issir valutazzjoni taghhom,

ghaliex fil-fehma tieghu, dawn gew impurtati minn barra u peress li l-imputat ma gablu ebda dokumentazzjoni dwarhom, hass li kellu jakkuzah bir-reat ta' evazjoni ta' dazju.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003 **xehed Joseph Vella,** Principal Immigration Officer mad-Dipartiment tad-Dwana, kif jirrizulta a fol 60 tal-atti fejn qal li huwa ha sample wiehed ta' DVD u ghal skopijiet ta' Dwana u VAT taht valur ta' zewg liri u nofs. Jghid pero li ma jafx minn kien l-Enforcement Officer li ghaddielu l-kampjun li kellu jezamina u lanqas mill-liema batch gie mehud. Minn notamenti tieghu jirrizulta li kien certu George Agius li baghat x-xoghol ghal valutazzjoni.

Illi nhar t-tlieta ta' Dicembru 2003, il-Prosekuzzjoni talbet in-nomina ta' espert sabiex jezamina l-oggetti esibiti mill-Prosekuzzjoni fl-istess seduta u cioe l-oggetti ndikati fid-dokument CSH 9, pero minn ezami ta' dan il-verbal ma jirrizultax li l-Qorti pprovdiet dwar tali talba filwaqt li nhar t-tnax ta' Marzu 2004, deher l-espert Martin Bajjada u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MB.

Illi minn ezami ta' dan d-dokument MB jirrizulta li Martin Bajjada ghamel referenza ghal allegat digriet ta' nomina ta' din il-Qorti datat tlieta ta' Dicembru 2003 w in effetti a fol 2 tar-relazzjoni tieghu jghid li gie nominat sabiex "jezamina l-esibiti f'din il-kawza b'mod partikolari is-CD's u l-loghob tal-playstation."

Il-Qorti uzat t-terminologija 'allegat' ghaliex hija fliet il-process w innotat li ma kien hemm ebda nomina tieghu u ghalhekk dak li ghamel Martin Bajjada ma jistax jitqies li sar minn espert nominat mill-Qorti izda minn xi hadd ex parte ghal Pulizija u fil-kamp penali ma jikkostitwixxi ebda prova ghaliex kuntrarjament ghal dak ammess f'kawza civili, esperti ex parte ma jikkostitwixxu ebda prova.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 **xehed Dottor Patrick Galea** kif jirrizulta a fol 33 et seq tal-atti fejn gharaf z-zewg dokumenti markati bhala CSH 5 u CSH 6

presentati fl-atti mill-Ispettur Ian Abdilla b'din il-kwerela tieghu mibghuta lil Kummissarju tal-Pulizija datata hamsa ta' Settembru 2002 sabiex jittiehdu passi kriminali kontra l-imputat odjern. Id-dokument CSH 5 hija miktuba minnu ghan nom tas-socjeta Sony filwaqt li d-dokument CSH 6 hija miktuba minn fil-kapacita tieghu ta' mandanti specjali ta' diversi socjetajiet minnu ndikati. Mistoqsi pero fis-seduta tat-tlieta ta' Dicembru 2003 sabiex jesibixxi il-mandanti specjali tieghu ix-xhud wiegeb li ma 'kienetx fuqu'.

Illi fis-seduta tat-tmienja ta' Gunju 2004 l-imputat ezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda tal-identita tas-sentenzi esibiti minnha f'dik is-seduta moghtija fil-konfront tal-imputat.

Illi l-imputat ghazel li ma jixhidtx kif kellu kull dritt li jaghmel ghalkemm nhar l-hamsa ta' Settembru 2002 huwa kien irrilaxxja stqarrija li tinsab esibita a fol 20 tal-atti markata bhala dokument CSH 03. Illi f'din l-istqarrija pero l-imputat ghazel li ma jwiegeb ghal ebda domanda u ghalhekk ma tikkostitwixxi ebda prova fil-konfront tieghu.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti semghet lid-Difiza tiddikjara li l-ewwel akkuza u cioe dik naxxenti mill-artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 mhux ppruvata fil-konfront tal-imputat ghaliex fil-fehma tieghu, din l-akkuza ma gietx ppruvata. Illi d-Difiza sostniet li r-relazzjoni ta' Martin Bajjada ma tikkostitwixxi ebda fatt fil-konfront tal-imputat u dan ghaliex Martin Bajjada ma giex nominat mill-Qorti biex jaghmel l-ezami li ghamel izda ghamilha biss fuq talba tal-Prosekuzzjoni u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali relazzjoni u ta' relazzjoni ta' xi espert nominat mill-Qorti, tali akkuza ma tistax tirrizulta.

Illi dan l-artikolu 298(1)(f) li jiddisponi is-segwenti, jipprovdi li huwa reat;

*"Kull min xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh, jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta'*

*kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbha b'qerq."*

Illi bir-rispett kollu dovut lejn il-Prosekuzzjoni, din kellha tipprova s-segwenti elementi ghal ezistenza ta' dan r-reat u cioe:

a. li l-imputat qieghed <u>fic-cirkolazzjoni</u>, <u>biegh</u>, jew <u>zamm ghandu</u>, jew <u>importa</u>;
b. ghal hsieb ta' kummerc;
c. merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq.

Issa mill-provi prodotti jirrizulta mill-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni, li l-imputat kellu fil-pussess tieghu, u cioe fir-residenza tieghu numru ta' Digital Versatile Discs, pero la ppruvat il-hsieb ta' kummerc tal-imputat u wisq inqas li l-merkanzija misjuba ghandu kellha sinjal jew emlema mxebbha b'qerq.

Illi tali prova teknika u cioe jekk oggett huwiex originali jew le, tista tirrizulta biss permezz ta' nomina ta' espert tekniku li ghandu din il-hila specjali li jezamina oggetti ta' din in-natura. F'dan il-kaz, ma jidhirx li kien hemm tali nomina skond l-ligi u ghalhekk r-relazzjoni bil-konkluzzjoni raggunti minn Martin Bajjada ser jigu skartati, imwarrba u mhux konsiderati.

Il-Qorti rat s-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Marzu 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Alexander Pisani** fejn hemm referenza ghal x'hiex tfisser il-kelma msemmija fil-ligi u cioe l-artikolu 298(1)(f) u cioe "emblema". Dik il-Qorti qalet li b'dik il-kelma:

*"tifhem dak l-assjem ta' kliem, kuluri, sinjali, marki u stampi jew kombinazzjonijiet ta' xi uhud minnhom, mahsuba biex jwasslu messagg, f'dan il-kaz messagg dwar l-origini, il-provenjenza jew in-natura tal-merkanzija in kwistjoni. L-emblema trid tkun imxebbha b'qerq, jigifieri maghmulha tixbah - u ghalhekk mhux necessarjament identika - wahda awtentika bl-iskop li tqarraq. L-istess,*

*naturalment jinghad ghal marka jew sinjal; dawn iridu jixbhu marka jew sinjal awtentiku."*

Issa f'dan il-kaz, il-Qorti ma thossx li hija f'posizzjoni li taghmel apprezzament tekniku hi stess u ghalhekk fin-nuqqas ta' tali prova rizultanti mill-atti processwali, din l-akkuza ma tirrizultax ppruvata b'mod sodisfacenti.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik naxxenti mill-artikolu 298B il-Qorti tinnota li skond l-proviso tal-istess artikolu hemm provdut li:

*"Procedimenti taht dan l-artikolu ma jisthux jittiehdu hlief bil-kwerela tal-parti offiza."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal ***sentenza moghtija minnha stess nhar d-disgha w ghoxrin ta' Marzu 2004*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nazzareno Buhagiar** dwar min hu l-parti offiza u cioe ta' min ghandu jkun il-kwerelat.

Issa f'dan il-kaz il-mandanti li allegatament taw prokura lil Dottor Patrick Galea ma xehdux f'dawn l-atti u lanqas ma giet esibita kopja tal-mandat taghhom. L-ittri mibghuta lil Kummissarju tal-Pulizija minn Dottor Patrick Galea, esibiti fl-atti bhala dokument CSH 5 u CSH 6 jghidu li Dottor Patrick Galea kien qed jagixxi bhala 'special attorney' tas-socjetajiet esteri tal-films jew musika imsemmija f'din l-istess ittra, pero prova ta' din l-'ispecial attorney' ma tirruzltax mill-atti u ghalhekk, stante li ma hemmx prokura fl-atti rikjesta sine qua non, skond il-proviso tal-istess artikolu 298B, din l-akkuza ma tistax tirrizulta.

It-tielet akkuza u cioe dik naxxenti mill-artikolu 71(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkoncerna t-tghamil u kkuppjar ta' trade mark fuq oggetti b'detriment ta' terzi u cioe s-sidien tal-istess trade mark.

Illi bir-rispett kollu din l-akkuza lanqas ma tirrizulta pprovata prima facie u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova minn huma s-sidien tat-trade mark allegatament registrat f'isem terz, u li nstab fuq oggetti fil-pussess tal-imputat.

Ghalhekk din il-Qorti mhux ser tidhol u tikkiskuti dan r-reat.

Dwar l-akkuza ta' evazjoni ta' dazju tal-oggetti misjuba mill-Prosekuzzjoni u cioe l-elf u tlettax il-Digital Versatile Discs [DVD's] esibiti l-Qorti, l-Avukat Difensur sostna li jispetta lil Prosekuzznoni tipprova li l-oggetti kienu gew impurtati Malta u d-dazju ma giex imhallas fuqhom.

Bir-rispett kollu, il-Qorti ma taqblilx ma din il-linja difesjonali ghaliex, skond l-artikolu 77 tal-Kap 37 u cioe l-Ordinanza tad-Dwana, l-legislatur ried li l-oneru tal-prova li, kuntrarjament ghal dak li jigri fil-maggor parti tal-kawza penali, jaqa fuq l-imputat.  Dan l-artikolu jipprova tlett cirkostanzi kuntrarjament ghal dak li tipprovdi l-legislazzjoni Ingliza, huwa l-imputat li jrid jipprova:

a. li d-dazju tad-Dwana gie mhallas fuq l-oggetti maqbuda;
b. li l-oggetti maqbuda gew impurtati je trasportati legalment;
c. jipprova l-post minn fejn originaw l-oggetti.

u ghalhekk <u>f'dawn it-tlett kazi biss l-oneru tal-prova gie spustjat minn fuq il-Prosekuzzjoni ghal fuq l-imputat</u>.  dan il-fatt gie konfermat fis-***sentenza moghtija nhar s-sittax ta' Gunju 1984 mill-Qorti tal-Appell Kriminali*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Anthony Vella**.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 1990*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Calleja**, intqal li:

*"Kull prova ghalhekk li l-Prosekuzzjoni trid taghmelk hi nskritta minn dan l-artikolu u permezz tieghu jdiher car li l-prova li l-Prosekuzzjoni trid taghmel hi li ma jirrizultalhiex li thallas d-dazju.  Minn hemm 'l quddiem, l-oneru tal-prova hu mixhut fuq l-imputat." [vide wkoll* ***Il-Pulizija v J.M. Deguara*** *deciza mill-****Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Settembru 1990****].*

Fis-sentenza wkoll moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' April 1971*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Bellizzi**, gie ritenut li:

*"Il-Prosekuzzjoni* <u>*m'ghandiex*</u> *bzonn tipprova li d-dazju fuq s-sigaretti ma kienx thallas, izda ghal kuntrarju, in vista tal-artikolu citat tal-Kap 60* [illum 37] *kien imiss lil imputat jipprova li d-dazju relattiv kien thallas jew li kellu raguni valida jahseb li kien thallas jew inkella b'xi mod kawtelat."*

Illi anke fl-artikolu 82(2) tal-Att XXIII tal-1998 dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, insibu li l-oneru huwa spustjat fuq l-imputat li jipprova li huwa ha l-passi kollha mehtiega u necessarji sabiex jottempera ruhu mal-ligi.

Issa, bir-rispett kollu f'dan l-kaz, l-imputat m'ghamel xejn minn dan u ghalhekk zgur li ghandu jinstab hati talli evada d-dazju fuq l-elf u tlettax il-Diogital Versatile Discs kif wkoll evada t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Dwar l-akkuza li huwa opera minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti thoss li din l-akkuza ma gietx ppruvata, lanqas remotament u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni naqset li tipprova li l-imputat kien qed jopera f'xi kummerc w in oltre, lanqas ressqet xi Ufficjal biex jiddikjara li l-imputat m'ghandux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija.

Dwar l-akkuza tar-recidiva, il-Qorti rat d-diversi sentenzi kif esibiti fl-atti w immarkati bhala dokumenti A, B, C, D, u E u dak li gie verbalizzat mid-Difiza li qed tezenta lil Prosekuzzjoni mill-htiega li tressaq xhieda tal-identita ta' dawn is-sentenzi esibiti u moghtija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk, peress li qed issib lil imputat hati talli naqas li jhallas d-dazju w it-Taxxa fuq l-Valur Mizjud fuq l-oggetti elevati mill-Pulizija, il-Qorti tiddikjara li l-imputat huwa recidiv.

**Il-Qorti**, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 49, 50, 533, 298(1)(f), 298B tal-Kap 9, 72(1) tal-Kap 416, l-artikolu 62 tal-Kap 37, l-Att XXIII tal-1998 u l-Avviz Legali

numru 118 tas-sena 1992, l-Avviz Legali 120 tas-sena 1992, filwaqt **li tiddikjara li qed issib lil imputat MARTIN CACHIA hati tal-akkuza ta' evazjoni ta' Dazju u tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u li huwa recidiv, tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha.**

**Dwar il-piena, l-Qorti qed tikkundanna lil imputat MARTIN CACHIA ghal akkuzi li sabitu hati taghhom aktar 'l fuq, ghal hlas ta' multa ta' hamest elef hames mija sebgha w tmenin lira maltin u tmienja w hamsin centezmu [LM5587.58].**
**Tordna li ai termini tal-artikolu 62 tal-Kap 37 li terz mill-multa fuq inflitta u cioe elf tmien mija tnejn u sittin lira u sitta w erbghin centezmu [LM 1862.46] tigi meqjusa bhala dejn civili u ghandu jithallas lil Gvern ta' Malta.**

Tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti esibiti f'dawn il-proceduri favur il-Gvern ta' Malta.

Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lil imputat jhallas l-ispejjes tal-perit tekniku Martin Bajjada ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti rat li ma kienx hemm tali nomina fil-process u ghalhekk tali talba qed tigi michuda.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------